# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 30 ta’ Ġunju 2025**

**Numru 13**

**Rikors Numru 779/2022**

**Ellul Jonathan (I.D. 713418L)**
**vs**
**BC Malta Services Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Jonathan Ellul (l-Attur) tas-26 ta’ Awwissu 2022

li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi, ir-rikorrent kien impjegat tas-soċjeta konvenuta in forza ta` kuntratt ta` impjieg indefinit iddatat **05.10.2020** bhala *junior System Administrator* liema impjieg ġie tterminat mingħajr raġuni valida skond il-kuntratt t` impjieg jew fil-liġi fis **27.04.2022**, kopja ta` liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bhala **Dok A;**

2. Illi dak li pprecipita t-tkeċċija tiegħu kien inċident li sehh nhar it **-23 .03 .2021** fejn l-attur, waqt li kien qiegħed jaqdi dmirijietu fuq il-lant tax-xogħol, weġġa meta mar biex jerfa` biċċa apparat tqil b` konsegwenza li sofra dannu serju fis-sinsla ta` dahru u dan kif wara kollox iccertifika it-tabib

konsulent Dr. Jonathan Joslin fir-rapport ta` korriment tiegħu iddatat l-**10.06.2021** kopja ta` liema rapport qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bhala DOK B

3. Illi , is-soċjeta konvenuta ammettiet li l-inċident sehh waqt il-kors normali tax- xogħol tal-attur u fuq il-lant tax-xogħol fejn kien inkarigat mis-soċjeta konvenuta li jahdem u dan permezz ta` dikjarazzjoni iddatat l-**14 .06 .2021** li hi għamlet mad- Dipartiment ta` Sigurta Soċjali kopja ta` liema dikjarazzjoni qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bhala **DOK ċ;**

**4.** Illi sussegwentement , l-attur ġie riferut għand speċjalista tas-sinsla u/ jew konsulent newro-kirurgu Shawn Aguis, li invistah nhar it-**30.09.2021** fejn ikkostata li l-attur kien qiegħed ibati minn sensiela ta` sintomi relatati mal-infortunju tiegħu, u dan skond ir-rapport minnu redatt fid-**09.10 .2021** kopja ta` liema rapport qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bhala **DOK D;**

5. Illi, dan sehh stante li s-soċjeta konvenuta b` kosnegwenza ta` nuqqas tharis ta` regolamenti, liġijiet, imperizja , traskuragni jew xort ohra negliglenza, nuqqas ta osservanza ta` regoalmenti u proċeduri li jirregolaw is-sahha u sigurta fuq il-lant tax-xogħol tipprovdi ambjent sigur li fih seta jahdem l-attur protett minn incidenti u sahansitra anke azzjonijiet ta` terzi li di segwitu għal dawn in-nuqqasijiet kollha ir-rikorrent qiegħed ibati minn diżabilita permanenti;

6. Illi , dan id-diżabilita qegħda twaqqfu milli jkun kapaċi, li fl-eta u fil-kondizzjoni tiegħu, isib xogħol iehor u jkun perusna indipendenti li tista` tiehu hsieb tagħha innifisha;

7. Illi l-attur hadem ma` diversi kumpaniji f` impjiegi simili u dan kif ser jiġi muri tul il-kors tas-smigħ u trattazzjoni ta` din il-kawża;

8. Illi l-iċident innifsu kellu impatt qawwi fuq il-hajja professjonali imma wkoll fuq dik personali fejn il-kosegwenzi tal-inċident qegħdin ikollhom efett detrimentali fuq is-sahha emozzjonali u psikologika tiegħu, liema efett deliterju qiegħed kull ma jmur ikollu impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet inter personali tiegħu;

9. Illi, mitluba is-soċjeta intimata sabiex tersaq għal likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas tad-danni sofferti kagun l-inċident tat**-23.03.22** u kif ukoll dawk sofferti mill-attur b` riżultat tkeċċija ingusta, din baqgħet inademojenti u għalhekk kellha tiġi addottata din il-procedura u t-talba għandha tintlaqa;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi flimkien mal-provi kollha prodotti flimkien ma` dan ir-rikors kif ukoll dawk producibbli fl-istadju opportuna tas-smigħ ta` dan ir-rikors ġuramnentat,prevja kull dikjarazzjoni

xierqa u opportuna, tgħid issa is-soċjeta konvenuta il-għaliex dina l-Onorabbli Qorti m`għandhiex:

1. Tiddikjara li -l inċident tat-23 .03.2022 li sehh ġewwa l-istabilment ta` BC Services Malta Limited li huwa sitwat gewwa , li jikkostitwixxi tal-lant tax-xogħol tal-attur fejn weġġa sofra diżabilita permanenti fis-sinsla ta` dahru kien kagun l-imperizja, traskuragni , jew xort` ohra negligenza, nuqqas ta` osservanza ta` regolamenti, proċeduri u best practises li jirregolaw is-sahha u sigurta fuq il-lant tax-xogħol tas-soċjeta konvenuta u inoltre wkoll li- s-soċjeta konvenuta naqqset milli tipprovdi ambjent sigur li fih seta jahdem l-attur protett minn inċidenti u sahansitra anke azzjonijiet ta` terzi ; u konsegwentament

2. Tillikwida d-danni kollha, sija ta` cessazzjoni ta` lukru u danni emergent,sofferti mill-attur, okkorendo bin-nomina u hatra ta` periti nominandi; u sussegwentement

3. Tordna lis-soċjeta konvenuta sabiex thallas d-danni hekk likwidati skond it-tieni Talba;

4. Tagħti kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha opportune fiċ-ċirkostanzi tal-każ

   Bl-ispejjez kollha inklużi dawk tal-ittri uffiċjali iddatata bin-numru 2022, u bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effetiv, kontra s-soċjeta konvenuta li hija minn issa stess ingunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta’ BC Malta Services Limited (is-Soċjeta’ konvenuta) tal-24 ta’ Ottubru 2022 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Jonathan Ellul ġie impjegat mas-soċjeta ntimata *BC Malta Services Limited* nhar il-5 ta` Ottubru 2020 għal perjodu indefinit, sabiex ikopri r-rwol ta` “Junior System Administrator “(Vide Kuntratt tal-impjieġ anness u mmarkata bħala “Dok BC1” u Addendum anness u mmarkata bħala “Dok BC2”),

2. Illi fl-24 ta` Marzu 2021 ir-rikorrenti kkuntattija lis-soċjeta` ntimata permezz ta` ittra elettronika sabiex jinforma lill- ` *line manager* ` tiegħu Fadi Hamadan li ma setgħax iwettaq xogħlu minħabba uġiegħ fin-naħa ta` isfel ta` dahru li kien qed jipprekludieh milli jiċċaqlaq faċilment, Illi f` din l-ittra elettronika huwa mkien ma indika li l-uġiegħ li kien qed jesperjenza kien

prodott ta` inċident fuq il-lant tax-xogħol (Vide Korrispondenza elettronika annessa u mmarkata bħala "Dok BC3").

3. Illi minkejja li r-rikorrenti ma ssuplixxa l-ebda prova li tindika li l-allegat korriment tiegħu kien konsegwenza tal-qadi ta` dmirijietu fuq il-post tax-xogħol, il-kumpanija ntimtata aġixxiet b`*bona fide* u aċċettat li r-rikorrenti joħroġ fuq` *injury leave*` għaz-zmien massimu possibbli fil-liġi ta` sena sabiex taċċerta ruħha li r-rikorrenti jirkupra.

4. Illi fil-fatt fid-9 ta` Marzu 2022, il-konsulent newro -kirurgu Dr. Shawn Aguis ikkonferma li r-rikorrenti kien qiegħed jirkupra sew minn operazzjoni tad-dahar li r-rikorrenti kien għamel, tant li kien lest biex jirritorna lura għax-xogħol (Vide Kopja taċ-ċertifikati annessi u mmarkat bħala "Dok BC4" u "DOK BC4A")

5. Illi, qabel ma r-rikorrenti daħal lura għax-xogħol, is-soċjeta` intimata għamlet "*risk assessment*" u dan sabiex tkun tista ` tiffaċilita ix-xogħol tar-rikorrenti, iżda huwa baqa jirrifjuta li jmur lura l-uffiċju fuq sistema *hybrid* (vide dokument anness u mmarkat bħala BC 5")

6. Illi ,fost il-konsulenti li eżaminaw lir-rikorrenti l-ebda wieħed ma indika li hu qiegħed ibati minn xi forma ta` diżabilità permanenti minħabba htija tas-soċjeta ntimata u anqas hemm prova ta` dan.

7. Illi għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, is-soċjeta intimata, BC Malta Services Limited mhijiex responsabli għad-danni li allegatament sofra r-rikorrenti u dan għaliex ma jeżistix ness bejn id-danni allegatament sofferti mill-attur u s-soċjeta konvenuta BC Malta Services Limited u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawza.

8. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, is-soċjeta intimata m` għandha tbati ebda spejjez tal-proċeduri odjerni billi r-rikorrenti naqas li jikkwantifika l-pretensjoni tiegħu kemm in kawntu għall-allegat danni nkwadrati taħt damnum emergens u anke rigward danni nwkadrati taħt lucrum cessans.

9. Illi minħabba r-raġunijiet hawn fuq premessi u kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawza is-soċjeta intimata BC Malta Services Limited (C-65925) ma tistax tinstab b` mod dirett jew indirett responsabli għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent.

Għalhekk il-kumpanija intimata BC Malta Services Limited kif debitament rrappreżenta fuq dan l-att titlob bir-rispett li l-Qorti tiddikjara:

i. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-istess stante illi l-kumpannija

intitmata ma hi responsabbli bl-ebda mod għal ebda danni li seta` sofra r-rikorrent, kif ser jiġi ppruvat aktar dettaljament fil-kors tal-kawza odejrna;

ii. Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-Liġi.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors tas-smiegħ.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Attur kien impjegat indefinittivament mas-Soċjeta' konvenuta permezz ta' kuntratt tal-5 ta' Ottubru 2020 bħala Junior System Administrator (a' fol 8). L-Attur jgħid li huwa kellu inċident fuq il-post tax-xogħol fit-23 ta' Marzu 2021 waqt li kien qiegħed iċaqlaq u jqandel xi apparat. Minħabba f'hekk l-Attur jgħid li sofra danni serji fis-sinsla ta' dahru. Is-Soċjeta' konvenuta stqarret mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali li kien seħħ dan l-inċident u dan sabiex l-Attur ikun jista' jirċievi l-benefiċċju soċjali relatat ma' l-inċident fuq ix-xogħol.

B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-Attur jgħid li sofra ġrieħi ta' natura permanenti. Pero' l-Attur jgħid ukoll li hu sofra danni b'risultat ta' tkeċċija inġusta.

Għalhekk għamel din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

It-talba ta' l-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fil-kors tax-xogħol.

Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.

Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (ara Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta). Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18)).

Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "*a safe system of work"* kemm jekk ix-xogħol qiegħed isir fuq il-post tax-xogħol u kif ukoll jekk fuq barra l-post tax-xogħol, bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Għalhekk jibqa' dejjem l-obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe, Appell Kummerċjali tas-7 ta' Diċembru 1994 u Keith Caruana vs-Joseph Paris et nomine tal-P.A. tat-12 ta' Frar 1999**) li jelenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem.

Pero' wkoll "*Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess*" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994)." (Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi**

**-vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim'Awla, 31 ta' Ottubru 2013**). Aktar minn hekk fis-**Sentenza Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna birresponsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16*)."

B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għall-aġir mal-ħaddiem tiegħu, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **App. Ċiv. tat-28 ta' April tal-2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et -vs- C.V. Builders Ltd. et**).

Di piu' b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'l bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilità fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min

iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u dan skond art. 6(2) tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk dan iġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (ara Art. 6(3) tal-Kap 424).

Dan ifisser illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru tal-1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema li jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru tal-1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

Huwa ta' importanza li jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd**).

B’mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u ’l dawk ta’ madwaru (Ara **Sentenza tal-P.A. tad- 9 ta’ Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd)**. Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f’każ ta’ sinistri ta’ din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża.

Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law ta’ Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28)** intqal li fejn hemm kuntratt ta’ impjieg “*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract.”* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks tas-27 ta’ April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta’ teħid ta’ miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

Interessanti wkoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi Taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: “*Passando a’ considerare l’altra previsione dell’obbligo di sicurezza a’ carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione giurisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell’obbligo contrattuale di titular l incolumita’ dell’operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita’ aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l’infortunato”* (**Giovanna**

**Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita'.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda mill-ewwel biex tirrileva li fil-premessi l-Attur qiegħed ukoll jitlob danni konsegwenzjali għal tkeċċija inġusta mill-impieg apparti dawk li sofra minħabba s-sinistru industrijali fuq imsemmi.

Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva, li fit-talbiet rikorrenti dawn ix-xorta ta' danni ma humiex jintalbu. Huwa prinċipju stabbilit li l-Qorti hi marbuta mat-talbiet Attriċi kif dedotti u xejn aktar għax il-Qorti ma tistax tmur *ultra* jew *extra petita* u lanqas għandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha ma' dik ta' min jippromovi l-azzjoni li għandu dritt jeżerċita l-azzjoni li jrid u jitlob ir-rimedju li jixtieq dejjem fl-ambitu ta' dak li tippermetti l-liġi (ara f'dan is-sens ġenerali s-Sentenzi fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Dr. Anton Refalo, App Ċiv tat-22 ta' Frar 2013 u Antonio Carmagna -vs- Lennart Attard et, PA 15 ta' Luju 2013**).

Illi fi kwalunkwe każ ġia la darba dak li qiegħed jingħad li parti mid-danni reklamati huma b'konsegwenza ta' tkeċċija inġusta, kif jirriżulta mill-premessa numru 9 tar-rikors ġuramentat promotur, din il-Qorti ma tista' qatt

ikollha ġurisdizzjoni biex tipprovdi għaliha peress li hija l-kompetenza tat-Tribunal Industrijali li jagħmel dan (Ara **Sentenza fl-ismijiet Joseph Micallef -vs- Stivala Distributers Limited P.A. (RCP) tal-14 ta' Frar 2001**)

**Il-mertu**

Huwa prinċipju kardinali li min jallega li sofra danni b'konsegwenza ta' inċident fuq il-lant tax-xogħol, irid jipprova wkoll li hemm rabta bejn l-inċident u d-danni sofferti.

F'dan ir-rigward, id-disposizzjoni espliċita tal-Kodiċi Ċivili f'materja ta' danni akwiljani hi illi "*kull wiehed iwiegeb għall-hsara li tigri bi htija tiegħu"* (Artikolu 1031). L-istess Kodiċi jissokta jispjega li l-ħtija tikkonfigura f'min "*ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*" [Artikolu 1032 (1)]. Hu, pero` stabbilit kemm dottrinalment u sew ġurisprudenzjalment, illi biex ikun hemm lok għad-danni hu imprexxindibilment meħtieġ li jkun hemm ness ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża.

F'dan is-sens il-Qrati jgħallmu li "*perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et, Appell Kummerċjali, 6 ta' Frar, 1928**).

Għalhekk qabel ma' l-Qorti tkun tista' tidħol fil-mertu, fiċ-ċirkostanzi ta' din il-Kawża, ikun utili li l-ewwel jiġi indirizzat dan il-punt u ċioe; jekk dak li

jilmenta minnu l-Attur huwa tassew b'konsegwenza tas-sinistru industrijali li seħħ fit-23 ta' Marzu 2021.

**Ikkunsidrat**

L-Attur jirrakkonta li meta kien mitlub jagħmel rilokazzjoni ta' "*heavy assembled LCD monitors"* fit-23 ta' Marzu 2021 li kellu l-inċident. Minkejja li beda jħoss l-uġiegħ ġej xorta baqa' għaddej b'xogħolu sal-punt li siequ x-xellugija ipparalizzatlu. Persuna li rat dan kollu kien il-partner tiegħu Michele Bezzina li qatt ma tressaq bħala xhud fil-Kawża (a' fol 118). Għalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-effetti ta' l-allegat inċident kienu gravissimi għaliex paralażi ma hiex xi ħaġa taċ-ċajt.

B'dan kollu meta Mr. Stefan Grech rah fl-24 ta' Marzu 2021, jiġifieri l-għada ta' meta l-Attur jgħid li kellu l-inċident, dan ma semmielu xejn minn dan kollu (a' fol 217). Jgħid ukoll, li, li kieku qallu, kienu jsiru l-affarijiet b'mod differenti u jkompli jispjega li "*Jiena mir-rekords li għandi jiena fl-24 ta' Marzu l-pattern ta' ugiegħ kien għadu l-istess kif kien fl-ahhar sena u nofs*" (a' fol 217 tergo). Jiġifieri l-għamla u xorta tal-uġiegħ li kien qiegħed jilmenta minnu kien l-istess bħal ma kienu fl-2019.

Daniel Borg, kollega ta' l-Attur fuq ix-xogħol jixhed li dak in-nhar "*li Jonathan allegatament wegga' fuq il-post tax-xogħol huwa ma kien qalli bl-ebda incident bhal dan u dan minkejja l-fatt li ahna kellna relazzjoni amikevoli u konna nikkomunikaw frekwentement*" (a' fol 340).

Dr. Jonathan Joslin jixhed hekk li l-inċident ġara fit-23 ta' Marzu u baqa' jkarkar bis-sintomi tliet xhur. Jiġifieri kien għadu bl-uġiegħ "*dawn huma*

*sintomi ta' slip disc alright? severe low back pain'.* Għall-mistoqsija minn fejn jirrisulta dan, wieġeb *"Għandi rapport ta' MRI, Jonathan Ellul 723418L, dated 17th Novembru 2019. Huwa bidu ta' disc bulging u ftit stenosis ma kienx hemm affarijiet kbar hawn hekk, this is 2019*". Kompla jixhed li "*Li hemm zgur imbagħad May 2021, jigifieri dan skond li bhal ma qed jgħid l-injury gara f'Marzu, li għandu hawnhekk huwa disc profusion jigifieri dak il-bulge issa sar agħar, jigifieri issa hareg bejn l-irkiekel u għandu, kellu pressure tad-disc fuq in-nerv qiegħed 'l barra*"(a' fol 213 u tergo). Jispjega wkoll li "*bejn 2019 u 2021 kien hemm obviously worsening of the condition*" u ċioe' wara l-inċident (a' fol 214). Importanti wkoll li jiġi rilevat li Mr. Stefan Grech, li kien jikkuraħ għall-uġiegħ jgħid, li kien ra lill-Attur l-ewwel darba fil-21 ta' Ottubru 2019 *"u ppresenta a long history, as in ftit snin mhux hazin ta' ugiegħ fil-parti ta' isfel tad-dahar"* (a' fol 216 Emfażi tal-Qorti).

Min-naħa l-oħra Mr. Shawn Aguis jixhed li "*I originally saw Mr. Ellul on the 30th of September 2021. He gave a history of left sided back pain radiating down his leg which the patient described that was preceded by lifting a heavy object at work in March 2021".* Dan l-espert ma jgħidx li kien jaf li l-Attur kellu storja twila dwar uġiegħ fid-dahar qabel l-inċident u dan presubilment għaliex l-Attur ma infurmahx (a' fol 233). Jidher, li għall-Attur, l-aktar li kien importanti, li f'dan iċ-ċertfikat jitniżżel "*After travelling to work he is at times unable to function properly because of the discomfort"* (a' fol 231). Dan qiegħed jingħad, ukoll fid-dawl li tul il-Kawża l-Attur ried li definittivament jibqa' jaħdem mid-dar remotament sakemm is-Soċjeta'

konvenuta qaltlu li dan ma kienx possibbli. Din kienet ir-raġuni prinċipali għalfejn spiċċa mix-xogħol, u dan meta skond it-tabib tal-Kumpanija, l-Attur seta' jibda jattendi għax-xogħol (ara affidavit ta' Geraldine Gilford a' fol 249).

Affidavit li jitfa' ħafna dawl fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ huwa dak tal-imsemmija Geraldine Gilford, Human Resources Director tas-Soċjeta' konvenuta. Din tgħid, li l-Attur qatt ma semma' li kellu problemi ta' saħħa jew qatt ma avża lil ħadd mill-management li hu kellu xi limitazzjonijiet dwar x'tip ta' xogħol seta' jagħmel. Il-Kumpanija qatt ma tagħmel mistoqsijiet dwar saħħa biex tirrispetta l-privatezza ta' l-impjegat.

B'dana kollu din tispjega li fl-"*employee handbook*", klawsola 8.3 tispeċifika li meta impjegat isir jaf li qiegħed isofri minn xi problema jew kundizzjoni medika għandu jinnotifika lis-supervisor tiegħu u l-Human Resources Manager dwar dan. Din l-informazzjoni tinsab fl-intranet tal-Kumpanija u b'hekk kien hemm aċċess liberu għaliha (a' fol 244 u a' fol 261).

Għalkemm l-Attur, in kontro eżami jgħid, li kien informa lill-Kumpanija fl-interview verbalment u li fost dawk li għamlulu l-interview kien hemm Daniel Borg (a' fol 344). Iżda meta Daniel Borg tressaq in kontro eżami mill-Attur stess ma saritlu ebda mistoqsija dwar dan l-episodju biex ixxejjen ix-xilja li hu qatt ma informahom li kellu xi kundizzjoni. Imma kieku stess il-hand book kien aċċessibbli għalih u għal kulħadd.

Gilford tispjega, li l-Attur lanqas kien informahom bl-allegat inċident tal-post, bil-konsegwenza li r-rapport lid-Dipartiment lis-Servizzi Soċjali għall-

injury benefits ma sarx fil-ħin. Di fatti Saviour Theuma għad-Dipartiment jikkonferma dan (a' fol 72 tergo).

Il-Qorti mingħajr ebda tlaqliq tgħid, li temmen il-verżjoni tas-Soċjeta' konvenuta u mhux dik ta' l-Attur, li kemm -il darba ma jgħidx is-sewwa. Issa kif ingħad aktar 'l fuq, min jaħdem għandu obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettqu (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu wkoll jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd**).

Issa mill-provi jidher kjarament, li din il-kundizzjoni tad-dahar kienet tirrisali għal ħafna qabel id-data ta' l-inċident odjern. B'dana kollu huwa daħal għat-tqandil meta kien jaf li kellu din il-kundizzjoni, li żamm mistura mis-Soċjeta' konvenuta. Bħala ħaddiem hu wkoll kellu l-obbligu li jimxi ma dak li kien jiddisponi l-*hand book* inkwistjoni u dan ma għamlux. Sinjifikanti wkoll, kif l-Attur, li jaf sewwa x'inhuma d-drittijiet tiegħu, ma jipprotesta xejn dwar il-fatt li r-rapport lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali għall-ħlas ta' kumpens ta' injury fuq ix-xogħol kien tardiv, bil-konsegwenza li tilef dan il-benefiċċju. L-unika spjegazzjoni li hemm hi, li dan li tassew ma kienx informa lis-Soċjeta' konvenuta fiż-żmien li trid il-liġi u allura *impute sibi*.

Issa l-Attur jirkeb fuq il-fatt li l-istess Soċjeta' konvenuta irraportat l-inċident u allura kien hemm ammissjoni. Iżda kif tixhed Geraldine Gilford, minkejja li s-Soċjeta' konvenuta ma kelliex provi li dan kien minnu, xorta ħarġet lill-Attur paga ta' sena bħala injury leave. Dan għamlitu b'rieda tajba għaliex ma riditx tħalli lill-Attur mingħajr ebda entrojtu waqt li kien qiegħed jikkonvalixxi. Saħansitra ħallsuh il-Company Bonus minkejja li ma kienx qiegħed jattendi għax-xogħol. Dan kien ta €15,536.04 (a' fol 246). Minkejja t-tibdiliet li għamlu biex jakkomodawh skond risk assessment, l-Attur xorta baqa' jgħid li ma setax jidħol għax-xogħol iżda ried li jkompli jaħdem mid-dar (a' fol 248).

Fi ftit kliem, l-Attur riedha ħobbla u tredda', jibqa' jaħdem mid-dar mingħajr ma jersaq lejn ix-xogħol meta kif jirrisulta kien hemm bżonnu li jkun presenti fuq il-lant. Finalment hija d-diskrezzjoni assoluta ta' min jimpjega li jippermetti konċessjoni bħal din meta l-impjieg ta' dak li jkun jinneċessita' li jaħdem minn fuq ix-xogħol.

Pero' l-Qorti ma tistax tiskarta faċilment ir-rapport tal-Perit mediku minnha maħtur Dr. Anthony Zrinzo. F'dan ir-rapport dan jasal għall-konklużjoni li "As a result of the injury sustained on March 23, 2021, Mr Ellul has a permamanet percentage of 5 % (a' fol 338).

Issa l-Qorti hija konsapevoli tal-kwantita' ta' Sentenzi fis-sens li ma hux faċilment għaliha li titbiegħed mill-konklużjonijiet tal-perit maħtur minnha, partikolarment jekk tkun materja teknika. Imma fejn ma taqbilx din il-Qorti fil-każ tar-rapport imsemmi huwa l-konklużjoni li d-diżabilita' hija attribwibbli

għall-inċident inkwistjoni u dan għaliex dan ma kienx l-inkarigu li ngħata lill-Perit. Skond il-verbal tas-16 ta' Marzu 2023 l-inkarigu kien wieħed ċar: "*sabiex jezamina lill-Attur biex jara jekk hux qiegħed isofri minn xi debilita' permanenti u jekk huwa l-kaz il-percentwal ta' din id-debilita'".*

Għalhekk din il-parti tar-rapport qed tkun sfilzata b'dan pero' li mhux qed ikun meħud il-perċentwal ta' 5% diżabilita'. Iżda l-Qorti hija tal-fehma qawwija, li din ma hiex marbuta legalment għall-inċident. Kemm għaliex ma hux eskluż li din kienet tirrisali għal data qabel l-inċident. Kemm għaliex l-Attur naqas li jinforma lis-Soċjeta' bil-kundizzjoni kronika li kellu. Kemm għaliex l-Attur daħal għal biċċa xogħol li kien jaf li ma jistax iwettaq mingħajr għal darba oħra ma jinforma lis-Soċjeta' konvenuta. Fl-aħħar kemm għaliex il-Qorti temmen li l-Attur ried japprofitta ruħu mis-Soċjeta' konvenuta, meta din imxiet miegħu in bwona fede biex takkomodah.

Din ma kienet xejn intransiġenti, iżda jekk qatt, kien l-istess Attur li wera intransiġenza li jidħol lura għax-xogħol għaliex li kieku l-anqas dawn il-proċeduri ma kienu jsiru.

Fil-verbal tat-30 ta' Ottubru 2023 ġie reġistrat li Dr. Etienne Calleja ma kienx ser ikompli jippatroċina lill-Attur u li għalhekk kien qiegħed jikkonsidra jċedi l-Kawża (a' fol 237). Din il-Qorti hija tal-fehma li kien aħjar kieku l-Kawża kienet ċeduta.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża billi **tiċħad it-talbiet kollha Attriċi**.

Spejjes tal-Kawża għall-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**